Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9743 — Atresmedia/Telefónica/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 167/10)

1. Fit-8 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Atresmedia Corporación de Medios de Comunicación, S.A. ("**Atresmedia**", Spanja), ikkontrollata mill-grupp Planeta,

— Telefónica Audiovisual Digital, S.L.U. ("**Telefónica**", Spanja), li tappartjeni għall-grupp Telefónica,

— Sociedad Comercializadora (il-"**Joint Venture**" jew il-"**JV**", Spanja).

Atresmedia u Telefónica jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Atresmedia: provvista ta' kanali televiżivi bla ħlas (fosthom Antena 3, La Sexta, Neox, Nova, Mega u Atreseries) u l-bejgħ ta' spazju ta' pubbliċità fuq it-televiżjoni fi Spanja.

— Telefónica: l-akkwist ta' kontenut u editjar ta' kanali għall-konfigurazzjoni tal-pjattaforma televiżiva bi ħlas, Movistar+ u l-bejgħ ta' spazju ta' pubbliċità fuq it-televiżjoni fi Spanja. Telefónica hija sussidjarja tal-grupp multinazzjonali Telefónica, li huwa attiv fil-provvista tal-Internet, it-telefonija u servizzi ta' televiżjoni bi ħlas b'ismijiet ta' ditti kummerċjali differenti bħalma huma Movistar u O2. Fi Spanja, it-Telefónica Group huwa fornitur ta' servizzi ta' televiżjoni bi ħlas permezz tal-marka tad-ditta tiegħu Movistar+.

— il-JV: il-ħolqien, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv b'mod partikulari sensiliet, films u kontenut bla script bl-Ispanjol.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9743 — Atresmedia/Telefónica/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").